MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 10/2004/1

John u Maria Mifsud

vs

Direttur ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti John u Maria Mifsud ipprezentat fil-5 ta' Lulju, 2004 fejn esponew:

Illi huma ghadhom kif gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data 16 ta' Gunju, 2004 (Kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta' erbat elef disa' mija u sebghin lira (Lm4,970) ta' bicca art tal-kejl ta' madwar 99 metru kwadru  f'Haz Zabbar indikata fl-Avviz tal-Gvern numru 1011 tat-3 ta' Novembru,2003 ghax-xiri assolut liberu u frank.

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw dina l-offerta u qeghdin jindikaw is-somma ta’ seba’ u ghoxrin elf u sitt mitt lira (Lm27,600) bhala s-somma li jippretendu bhala kumpens ghall-imsemmija porzjoni  art, dana skond stima tal-AIC Ronald Muscat Azzopardi datata 1 ta’ Lulju, 2004, original annessa bhala Dok B.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu li dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq u dovut lilhom u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 88.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta pprezentata mid-Direttur ta’ l-Artijiet fejn espona:

Illi l-att gudizzjarju qieghed jintbaghat ghall-finijiet u l-effetti tal-Artikolu  22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), id-Direttur ta’ l-Artijiet qieghed jirreferik ghall-Avviz tal-Gvern Numru 1011 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-tlieta ta’ Novembru, 2003 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-bicca art tal-kejl ta’ madwar 99 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma’ Marsaskala By-Pass u mill-Grigal ma’ Triq il-Barumbara jew irjieh verjuri ghal liema art l-awtorita’  kompetenti qeghda toffri l-kumpens ta’ erbat elef disa’ mija u sebghin lira Maltin (Lm4,970) skond l-istima li hemm imsemmija fl-Avviz numru 1011 liema stima saret mill-perit arkitett Fred H. Valentino A&CE.

Id-Direttur ta’ l-Artijiet qieghed jinfurmak ukoll illi abbazi tal-parir legali tal-Avukat Peter Caruana Galizia, huwa sodisfatt illi inti kellek titolu illi jaghtik dritt  illi tircievi l-kumpens fuq imsemmi.

Illi ghaldaqstant id-Direttur ta’ l-Artijiet qieghed javzak illi inti ghandek  wiehed u ghoxrin gurnata (21) minn notifika ta’ dan l-att gudizzjarju sabiex, jekk hekk jidhirlek,

tikkontesta l-ammont ta’ kumpens offrut fl-imsemmi Avviz numru 1011.

Fil-kaz li tiddeciedi li tikkontesta l-kumpens, il-kontestazzjoni ghandha ssir permezz ta’ rikors li jigi prezentat fir-Registru tal-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet li fih tindika l-ammont illi qieghed tippretendi bhala kumpens ghall-fond fuq imsemmi u dan skond ma huwa mehtieg bl-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici  (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti tieghek tal-kumpens offrut kif fuq imfisser, il-kumpens offrut jitqies li qieghed jigi accettat minnek bhala l-valur gust tal-bicca art esproprijata ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Ra d-digriet tieghu tat-8 ta’ Novembru, 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni  ta’ l-imsemmija periti teknici li ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-artikolu 22(6)(7).

Ikkunsidra:

1. Mir-relazzjoni  tal-periti jirrizulta li l-kumpens ghandu jkun ta’ sitta u ghoxrin elf, seba’ mija u tletin lira Maltija (Lm26,730).

2. Ghalhekk il-Bord jiffissa l-kumpens fl-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf, seba’ mija u tletin lira Maltija (Lm26,730) ghat-tehid ta’ bicca art tal-kejl  ta’ madwar 99 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma’ Marsaskala By-Pass u mill-Grigal ma’ Triq il-Barumbara jew irjieh verjuri. Jordna li jsir kuntratt biex l-art tigi

trasferita bhala libera u franka lill-intimat bil-kumpens imsemmi.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala n-Nutar ta' l-intimat jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fl-ufficcju tal-intimat fis-16 ta' Jannar, 2006 fl-10:30a.m.. Jahtar lill-avukat Karl Briffa biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci. L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord, l-intimat ghandu jgharraf lill-avukat mahtur ghal kontumaci b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------